# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 650/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs**

**omissis**

**omissis**

**omissis**

**Illum, 12 ta' Lulju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra **omissis**, ta' omissis iben omissis u late omissis, imwieled omissis, omissis, detentur tal-karta tal-identità bin-numru omissis, residenti omissis u **omissis**, ta' omissis, iben omissis u omissis, imwieled omissis nhar omissis, residenti fi omissis, detentur tal-karta tal-identità' bin-numru omissis u **omissis**, ta' omissis, iben omissis u omissis, imwieled omissis, detentur tal-karta tal-identità bin-numru omissis u residenti omissis u akkużati talli nhar nhar it-18 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tad-09.00 ta' filgħodu, fi omissis u f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew tqegħdu il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġunajtu ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Omissis kif iċċertifika Dr Chris Muscat MD Reg 1493;

2. Nakkużakom aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi qajjimtu rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li tagħmlu omiċidju jew offiża fuq il-persuna ta' omissis;

3. Nakkużakom aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi talli fi ġlieda aċċidentali ħadtu parti attiva meta wettaqtu ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' omissis;

4. Nakkużakom aktar talli fl-istess data, lok, ħin hu ċirkustanzi volontarjament ksirtu il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied;

5. Nakkużakom aktar talli fl-istess data, lok, ħin hu ċirkustanzi ħebbejtu kontra omissis sabiex tinġurjawħ, iddejjquħ jew tagħmlulu ħsara;

6. Nakkużakom aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi inġurjajtu jew hedditu lil omissis u f'każ li kontu pprovokati, inġurjajtuh billi ħriġtu 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkustanzi, b'diversi atti magħmulin minnhom, ikkaġunajt u biża' li se tintuża vjolenza kontra omissis jew xi ħadd mid-dixxendenti jew axxendenti tiegħu jew kontra l-propjetà tagħhom;

8. Nakkuża lil omissis waħdu talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara fuq vettura BOS131 li jammonta għal aktar minn mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda mhux aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u

disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan għad-detriment ta' omissis u/jew persuni oħra;

9. U fl-aħħar nett, nakkuża lill-imputat omissis waħdu talli rrendejt ruħek reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javviċinaw lil omissis u r-residenza tiegħu kif ukoll il-posta li tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi persuni sabiex jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-3 ta' Awwissu 2020[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

Fir-rigward ta' **omissis, omissis u omissis**:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 238(b), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 237(b)(ċ), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] A fol. 227 tal-atti proċesswali.

6. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 251B(1)(2), 251H(e)(f)(h), 251HA u 202(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' **omissis waħdu**:

10. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

liema Artikoli nqraw fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2020 fejn l-akkużati taw il-kunsens tagħhom sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużati;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat

Illi l-parte ċivile omissis kellu relazzjoni ma' omissis, li tiġi t-tifla tal-akkużat omissis u n-neputija ta' l-akkużati omissis u omissis. Dakinhar tal-allegat inċident, il-parte ċivile mar sabiex jiġbor lill-minuri għall-aċċess. Jidher li r-relazzjoni ta' bejniethom żviluppat xi diffikultajiet u filfatt, ftit tal-jiem qabel l-inċident, il-parte ċivile għaddha cheque ta' €35 lil omissis bħala spejjeż mediċi għall-minuri, liema cheque, madanakollu, ma ssarrafx.

Illi l-parte ċivile omissis xehed[2] fejn qal li dakinhar tal-inċident hu mar jiġbor lit-tifel mid-dar ta' omissis kif kien jagħmel is-soltu. Mar bil-vettura tiegħu tat-tip Jeep Compass, bin-numru ta' reġistrazzjoni BOS 131 u pparkja faċċata tad-dar tagħha, ftit aktar 'l isfel quddiem garage li minnu jinbiegħ il-ħaxix. Peress li kien kmieni mar fil-garage biex jixtri xi frott u waqt li kien hemm sema' lil omissis u omissis jgħajjtulu b'ton bil-herra mill-parapett tal-garage. Qal li bdew jigdmu idejhom u qalulu biex joħroġ ħa jkellmuħ. Hu ma riedx ikellimhom u sakemm tal-ħaxix kien qed jaqdih daħlu fil-garage. Qal li hu kien dahru lejhom u omissis qabdu minn spallejħ u għonqu u pprova jiġbdu 'l barra mill-garage. X'ħin pprova jiżgiċċa, sab lil omissis ma wiċċu. Qal li dak il-ħin, omissis qallu "fejnhom it-€35?" u taħ daqqa ta' ponn u laqtu f'xofftejħ u qasamhielu. Qal li omissis beda jtieħ ukoll u wara ftit ġie omissis. Qal li bdew jgħajjruħ, jimbuttawħ u komplew ituħ bid-daqqiet ta' sieq mingħand omissis u omissis. Qal li baqgħu jimbuttawħ u biex jevithom beda jersaq lura u spiċċaw fil-bitħa tal-garage. Qal li hemm fil-bitħa omissis tah daqqa fuq rasu bil-helmet waqt li kienu qed jagħtuħ u storda ftit. Qal li tal-ħaxix ipprova jwaqqafhom u hekk kif qala' d-daqqa ta' helmet, huma ħarġu 'l barra mill-garage. Hu l-ewwel ċempel lil missieru u mbagħad lil pulizija u sakemm ċempel, huma laħqu telqu. Wara ftit reġgħu ġew il-garage iżda tal-ħaxix qalilhom biex iħalluh. Qal li kienu qed joffenduh u Omissis qallu li jekk mhux se joħroġ, se jkissirlu l-karozza. Qalulu li ma kienitx se tieqaf hawn u li se jsibuħ u joqtluh, għax lit-tifla (b'referenza għal omissis) kissirha u qatilha bil-ġuħ. Qal li f'ħin minnhom, omissis mar fejn il-karozza tiegħu, qabeż fuq il-bonnet u poġġa fuqu. Qal li omissis u omissis rari jkunu d-dar tagħha u dakinhar ġew apposta għalih. Qal li wara din il-ġlieda mar l-għassa tal-pulizija u anke l-policlinic. Mill-policlinic ġie invistat minn Dr Christopher Muscat[3] fejn sab li kien qed isofri minn feriti f'wiċċu, xi snien t'isfel imtajjrin u probabbli kellu frattura f'imnieħru. Kellu ħafna brix f'wiċċu u f'għonqu u kien qed jinfaraġ. Ġie referut sabiex jittieħidlu x-ray għax kien hemm il-possibilità li kellu ksur f'imnieħru. Qal li wara ftit jiem

[2] Ara x-xhieda ta' Omissis mogħtija fit-30 ta' Novembru 2018 a fol. 42 tal-atti proċesswali.
[3] Ara ċ-ċertifikat mediku ppreżentat bħala Dok "WF 1" a fol. 41 tal-atti proċesswali.

kellu jirrikorri għand dentist ieħor peress li kien għadu qed isofri minn uġiegħ f'ħalqu u anke kien qed joħroġ id-demm.

Illi waqt id-depożizzjoni mogħtija fil-11 ta' Jannar 2019[4], il-parte ċivile ppreżenta CD konteneti recordings tat-telefonati li għamel lil missieru u lill-pulizija u kkonferma li hu stess niżżilhom mit-telefone tiegħu għal fuq is-CD[5], ippreżenta *call logs* mill-mobile tiegħu,[6] rapport tad-dentist li mar għandu jiem wara l-inċident,[7] żewġ ritratti tal-għafsa li kellu fuq il-bonnet tal-vettura,[8] u rapport tal-ħsara li soffriet il-vettura tiegħu.[9]

Illi x-xhud Annunziato Fiteni xehed[10] li dakinhar tal-inċident kien qed ibiegħ il-ħaxix mill-garage tat-tifel u daħlet għandu persuna biex tixtri xi lariġ. Waqt li kien qed jaqdieh sema' l-għajjat bħal sajjetta. Peress li kien wiċċu mal-ħajt jagħżel il-lariġ ma setax jara x'kien qed jiġri però f'salt wieħed daħlu xi rġiel fil-garage. Qal li għal bidu daħlu tnejn min-nies u jista' jkun li wara ftit żdiet it-tielet wieħed. Qal li f'daqqa waħda inqaleb kollox u ra lil dak li ġie jixtri l-lariġ, ossija l-parte ċivile, jaħbat mal-friġġ. Qal li semagħhom jargumentaw dwar kif kien qed jittratta lit-tifla ta' omissis. Hu daħal biex iferraqhom u jipprova jipproteġi lill-parte ċivile, li ħarab jiġri lejn il-bitħa tal-garage. Qal li ma ra lil ħadd jerfa' jdejh waqt li kien qed jipproteġi lill-parte ċivile u ma jafx jekk użawx xi oġġett waqt l-argument.

Illi missier il-parte ċivile omissis[11] ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi t-tifel tiegħu ċempillu u qallu li kienu qed isawwtuħ. Waqt it-telefonata sema' lit-tifel jibki u ħafna għajjat fil-*background*. Qal li lejliet l-inċident fl-għaxra u nofs ta' filgħaxija, sab tlett *missed calls* fuq il-telefon ċellulari tiegħu mingħand omissis u ma rrispondihomx għax kien sejjer għax-xogħol u

[4] Ara fol. 59 tal-atti proċesswali.
[5] Dok AD 1.
[6] Dok AD 2.
[7] Dok AD 3.
[8] Dok AD 4.
[9] Dok AD 5.
[10] Ara x-xhieda ta' Annunziato Fiteni mogħtija fis-16 ta' Novembru 2018 a fol. 33 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda ta' Victor Fenech, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2019 a fol. 81 tal-atti proċesswali.

għax kien tard ħafna. Hu ppreżenta *log* maħruġ mill-fornitur tas-servizz tat-telefonija.[12] In kontro-eżami qal li għalkemm il-*missed calls* kienu mill-mobile ta' omissis ma jafx eżatt minn seta' ċempel minn fuqu. Qal li meta ċempillu t-tifel filgħodu qallu li kienu qed issawtuħ. Qallu li omissis tah xeba għax missieru ma rrispondiex il-mobile lejliet. Qallu li kienu tliet persuni jsawwtuh però ibnu semma' biss lil omissis waqt it-telefonata. Qal li hu ċempel lil pulizija wara dik it-telefonata u niżel Ħal-Qormi fuq il-post fejn sab lill-pulizija u li t-tifel jibki u beżgħan, li kien għadu fil-garage tal-ħaxix. Qal li meta mar fuq il-post ra biss lill-pulizija, li kienu madwar sitta, u lit-tifel. Lill-akkużati ma rahomx fuq il-post.

Iċ-ċertifikat mediku maħruġ miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi u ppreżentat mill-parte ċivile ġie kkonfermat minn Dr. Christopher Muscat[13] fejn qal li meta eżaminaħ, kien qed isofri minn feriti f'wiċċu, xi snien t'isfel imtajjrin u probabbli kellu frattura f'imnieħru. Kellu ħafna brix f'wiċċu u f'għonqu u kien qed jinfaraġ. Ġie referut sabiex jittieħidlu x-ray.

Xehed ukoll id-dentist Dr. Peter Borg[14] li spjega li l-parte ċivile kien mar għandu xi erbat' ijiem wara l-allegat inċident u eżaminaħ. Qal li din kienet l-ewwel darba li raħ. Hu sab li kellu qsim fl-enamel tas-snien u li s-snien kienu qed jiċċaqalqu. Hu kkonferma ċ-ċertifikat mediku minnu maħruġ fit-22 ta' Awwissu 2018[15] u eżebixxa ritratt ta' ħalq omissis kif ukoll x-ray ta' snienu.[16]

Is-Surveyor Natalino Agius[17] ikkonferma r-rapport tiegħu[18] u qal li l-ħsarat kienu jikkonsistu f'għafsa fuq il-bonnet tal-vettura u li t-tiswijiet kienu jammontaw għal €447.

---

[12] Ara Dok VF 1.
[13] [13] Ara x-xhieda ta' Dr Christopher Muscat mogħtija fil-11 ta' Jannar 2019 a fol. 76 tal-atti proċesswali.
[14] Ara x-xhieda ta' Dr Peter Borg, mogħtija fit-18 ta' Jannar 2019 a fol. 104 tal-atti proċesswali.
[15] Ara dok AD3.
[16] Ara dok PB1 u PB2 rispettivament.
[17] Ara x-xhieda ta' Natalino Agius, mogħtija fit-18 ta' Jannar 2019 a fol. 110 tal-atti proċesswali.
[18] Dok AD5.

Illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Frar 2019, din il-Qorti ħatret lil Dr Kevin Mullighan sabiex jirrelata dwar il-permanenza o meno tal-offiżi subiti mill-vittma u, occorrendo, l-persentaġġ tad-diżabilita. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Lulju 2019[19], qal li kien invista lil omissis fit-28 ta' Mejju 2019 u rriżultalu li kien hemm infezzjoni li kienet kronika, jiġifieri kienet ilha hemmhekk għal xi żmien mhux ħażin. Qal li hemm storja ta' interventi mediċi fi snienu u anke ta' inċident li kellu fl-2011 u li sofra ġrieħi fi snienu. Fil-fehma tiegħu, l-infezzjoni kronika aktar għandha x'taqsam mal-ġrieħi li ġarrab fl-2011 milli mal-inċident mertu tal-kawża. Qal li ġrieħi jew *injuries* bħala parti minn dan l-inċident partikolari mertu tal-kawża ma sabx, ma jistax jgħid li kien hemm *cause and effect*. Għalkemm hemm problemi fis-snien, ma jistax jgħid dawn ġraw minħabba l-allegat inċident mertu ta' din il-kawża. Hu ppreżenta r-rapport tiegħu bħala dok KM1.

Illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2019, din il-Qorti ħatret lil Dr Steven Farrugia Sacco sabiex jagħmel traskrizzjoni ta' dak kollu li jinstema' jingħad anke fil-*background* tal-kontenut tas-CD ppreżentat bħala dok AD1 u wara jivverifika li din l-estrazzjoni saret mit-telephone tal-parte ċivile. Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Mejju 2019[20] Dr Farrugia Sacco qal li ma jistax jivverifika jekk l-estrazzjoni saritx mit-telephone ċellulari tal-parte ċivile peress li dan ma ġiex eżebit in atti u sa dakinhar ir-*recordings* kienu ġew *overwritten*. Hu ppreżenta r-rapport tiegħu bħala dok FSS1[21]

Illi l-uffiċjal prosekutur l-Ispettur Shaun Friggieri[22] xehed li dakinhar tal-akkużi hu kien informat li kien hemm argument fi Triq tal-Ħlas, Ħal Qormi ġewwa garage tal-ħaxix kif ukoll barra. Qal li ċerta omissis pproduċa ċertifikat ta' ġrieħi ta' natura gravi u stqarr li kien safa' aggredit minn ċerta omissis, omissis u omissis. L-ispettur talabhom biex imorru l-għassa u

[19] A fol. 137 tal-atti proċesswali.
[20] A fol. 127 tal-atti proċesswali.
[21] A fol. 154 tal-atti proċesswali.
[22] Ara x-xhieda tal-Ispettur Shaun Friggieri mogħtija fit-30 ta' Novembru 2018 a fol. 42 tal-atti proċesswali.

hemmhekk ġew mitkellma u anke tteħdietilhom stqarrija fuq l-akkadut, ai termini tal-liġi.

Illi fl-istqarrija tiegħu, omissis [23] qal li omissis kien l-għarus tat-tifla t'oħtu, li jisimha omissis. Qal li hu jinżel għand oħtu omissis ta' spiss. Qal li jaf li kellhom xi problemi fir-relazzjoni ta' bejniethom u li reċentement il-parte ċivile kien taha cheque ta' €35 għall-ispejjeż tat-tabib tat-tifel li ma kienx issarraf. Qal li dakinhar tal-inċident il-parte ċivile mar id-dar tagħha u omissis bdiet tkellmu fuq dawk it-€35 u omissis beda jilletika. Qal li hu, omissis u omissis kienu ġewwa d-dar. Qal li omissis daħlet ġewwa d-dar u kien hemm ħafna għajjat u storbju għax il-parte ċivile beda jgħajjat. Qal li hu u omissis ħarġu fit-triq biex jaraw x'kienet is-sitwazzjoni u omissis u l-parte ċivile bdew jilletikaw u ġew fl-idejn. Qal li hu mar biex iferraqhom. Qal li sa fejn jaf hu ma daħlux fil-garage tal-ħaxix u li ma kien hemm ħadd ieħor involut. Qal li ra lil omissis li waqaf fejnhom għax sema' l-istorbju. Hu ċaħad l-allegazzjonijiet kollha tal-parte ċivile.

Fl-istqarrija tiegħu, omissis [24] qal li hu kien għaddej bil-mutur mit-triq ta' fejn toqgħod oħtu omissis u sema' l-għajjat u waqaf. X'ħin waqaf ra ġo nofs it-triq lil omissis jgħajjat, lil omissis u lil omissis, flimkien ma' raġel tal-ħaxix u lil Omissis. Qal li bdew jgħajjru lil xulxin u daqshekk kollox. Qal li kellu l-helmet fuq rasu u li ma daħalx fil-garage. Hu ċaħad l-allegazzjonijiet kollha tal-parte ċivile.

Fl-istqarrija tiegħu, omissis [25] qal li dakinhar tal-inċident il-parte ċivile mar id-dar tiegħu, bħas-soltu, biex jiġbor lit-tifel. Ra t-tifla tiegħu omissis tibki għax ma riedx itiha l-flus, għax kien taha cheque li ma ssarrafx. Qal li d-dar kien hemm preżenti hu, omissis, omissis u t-tfal l-oħra. Qal li hu ħareġ barra biex ikellem lill-parte ċivile dwar il-flus u kien se jibgħatu l-ATM jiġbed il-flus. Qal li ħareġ jgħajjatlu u bdew jitkellmu dwar għalfejn ma tahiex flus. Qal li kelma ġġib 'il-oħra u spiċċaw jitgħajjru. F'dak il-ħin kienu fil-parapett

[23] A fol. 14 tal-atti proċesswali.
[24] A fol. 16 tal-atti proċesswali.
[25] A fol. 18 tal-atti proċesswali.

u ġie tal-ħaxix iferraqhom. Qal li ma daħalx għand tal-ħaxix u li omissis daħal fil-bitħa tal-garage. Warajħ kien hemm omissis u omissis li kien għaddej b'kumbinazzjoni mit-triq u waqaf. Qal li omissis ħeġġiġhom biex imorru jitkellmu ġewwa d-dar. Hu ċaħad l-allegazzjonijiet kollha tal-parte ċivile.

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ odjern, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li għalkemm jaqblu f'xi dettalji periferali, bħad-data, ħin u triq tal-inċident, jikkonstrastaw lil xulxin fid-dettalji ċentrali ta' kif seħħ l-allegat inċident. Il-parte ċivile, in substantia, jgħid li l-akkużati kienu preparati biex jagħtux xebgħa, u filfatt tawħ xebgħa, in vista tad-diffikultajiet li kien hemm fir-relazzjoni tiegħu ma omissis, filwaqt li l-akkużati, fl-istqarrijiet tagħhom, jgħidu li huma ma refgħux idejhom fuqu u li dan kien diverbju verbali, aktar milli fiżiku. Jgħidu, anzi, li kien il-parte ċivile li beda jilletika ta' omissis.

Fil-verżjonijiet mogħtija, hemm numru ta' diverġenzi oħra li se jiġu eżaminati aktar 'l quddiem f'din is-sentenza. Il-Qorti, madanakollu, tagħmel tagħha t-tagħlim mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[26] fejn jingħad:

> *"mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi,*
>
> *"… il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*

Illi fid-dawl tal-verżjonijiet konfliġġenti, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tat-teżi tagħha. Din il-Qorti tirribadixxi illi mhuwiex neċessarju li xhud ikun kredibbli

[26] **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 9 ta' Lulju 2003.

fl-interità tax-xhieda mogħtija minnu sabiex ix-xhieda tiegħu tiġi emnuta. FIlfatt, xhud jista' jkun emnut f'partijiet mix-xhieda tiegħu u l-partijiet l-oħra jiġu skartati. F'dan il-każ, dan l-eżami tal-iffiltrar tat-teżi tal-prosekuzzjoni irid isir bl-għajnuna ta' ta' provi oħra indipendenti mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi f'dan l-aspett, il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Annunziato Fiteni li, fil-fehma tal-Qorti, tagħti kredibilità lill-partijiet mill-verżjoni tal-parte ċivile filwaqt li tiskredita partijiet oħra. Hu jikkonferma li waqt li l-parte ċivile kien fil-garage tiegħu, hu sema' l-għajjat tal-akkużati minn ġol-parapett tiegħu u kkonferma li eventwalment daħlu sa' nofs il-garage. Ikkonferma li kienu qed jargumentaw dwar kif il-parte ċivile kien qed jittratta lil omissis u li f'ħin minnhom inqaliblu x-xogħol mal-art u ra wiċċ il-parte ċivile mal-friġġ li kellu. Qal li hu daħal fin-nofs biex iferraqhom u li kien qed jipproteġi lill-parte ċivile. Illi għalkemm ix-xhud ma tax dettalji, jirriżulta ovvju mix-xhieda tiegħu li f'ħin minnhom l-akkużati u l-parte ċivile kienu f'taqbida.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ġrieħi kkaġunati, il-parte ċivile ppreżenta ċertifikat mediku maħruġ mic-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi ftit inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-inċident li jindika li l-parte ċivile kellu feriti f'wiċċu, snien t'isfel imtajrin, probabbli frattura f'imnieħru (tant li ġie riferut għal x-ray) ħafna brix f'wiċċu u f'għonqu u kien qed jinfaraġ. Di più, il-parte ċivile preżenta ċertifikat mediku ieħor maħruġ mid-Dentist Dr. Peter Borg fejn jindika illi kien hemm xi qsim fl-enamel ta' xi snien; uġieħ meta jiftaħ u jagħlaq ħalqu, is-snien ta' quddiem kienu sensittivi u kienu jiċċaqalqu, ħaġa li, skont ma qallu l-parte ċivile, ma kienx jeżisti qabel l-inċident. Iċ-ċertifikat juri wkoll ċerta danni il ilhom jipperduraw għal żmien konsiderevoli, fosthom *external resorption* ta wħud mis-snien kif ukoll *periapical bone loss* ta' sinna partikolari.

Illi l-espert mediku ngaġġat mill-Qorti, Dr. Kevin Mulligan, min-naħa tiegħu qal li l-parte ċivile għandu storja ta' problemi bi snienu. Kien involut f'inċident fl-2011 li affettwalu s-saħħa ta' ħalqu. Hu kkonkluda li għalkemm ma setax jeskludi l-element ta' danni fi snienu b'riżultat tal-inċident de quo, is-sitwazzjoni medika dentali tiegħu aktarx li hija riżultat ta' trattament inkomplet sa mill-2011 u l-episodji ta' infezzjonijiet kroniċi li kellu wara.

Illi l-Qorti tinnota li ż-żewġ esperti mediċi li rrikorra għandhom il-parte ċivile qalu li d-danni li kellu fi snienu huma riżultat ta' dan l-inċident. Meta eżaminawh, madanakollu, huma ma kienux jafu l-istorja dentali tal-akkużat u straħu fuq l-informazzjoni li tahom u d-danni li rriskontraw. L-Espert imqabbad mill-Qorti, min-naħa l-oħra, daħal fl-istorja dentali tal-parte ċivile u sab li hemm danni dentali li ilhom żmien li saru u li huma riżultat ta' kondizzjonijiet li pperduraw għal snin sħaħ. Di più, ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Christopher Muscat jgħid li l-parte ċivile kellu snien t'isfel imtajjrin filwaqt li min-naħa l-oħra, Dr Mulligan jgħid li s-sinna *canine* t'isfel kienet intilfet f'inċident preċedenti.

B'hekk jirriżulta lill-Qorti li għalkemm setgħu seħħew xi danni dentali waqt l-inċident, it-tip u l-portata tad-danni ikkaġunati ma ġewx kostatati. Filfatt, Dr. Mullighan jikkonkludi li għalkemm ma jistax jeskludi li xi danni setgħu seħħew b'riżultat tal-inċident *de quo*, min-naħa l-oħra ma setax jikkonferma illi d-danni dentali kienu riżultat dirett tal-inċident *de quo*.

B'hekk, in vista ta' din il-konklużjoni, il-Qorti ma tistax issib illi l-akkużati kkaġunaw ġrieħi gravi fil-ħalq tal-parte ċivile b'riżultat ta' dan l-inċident.

Ikkonsidrat;

Illi ċ-ċertifikat mediku preżentat mit-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi jgħid ukoll li l-parte ċivile kellu feriti f'wiċċu, probabbli frattura f'imnieħru (tant li ġie riferut għal x-ray) u ħafna brix f'wiċċu u f'għonqu u kien qed jinfaraġ. Illi dwar il-feriti f'wiċċu u l-probabbli frattura f'imnieħru ma

tressqet ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni u b'hekk il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkostata l-gravità ta' dawn l-allegati danni.

Min-naħa l-oħra, l-istess ċertifikat jikkostata illi l-parte ċivile kellu grif ma wiċċu u ma għonqu. Illi għalkemm ma tqabbad ebda espert sabiex jeżamina dan il-grif, mix-xhieda mogħtija minn omissis jirriżulta li kien hemm alterkazzjoni bejn l-akkużati u l-parte ċivile fil-garage tant li l-parte ċivile spiċċa b'wiċċu mal-friġġ. Illi l-ġrieħi deskritti fiċ-ċertifikat mediku huma kompatibbli ma din it-tip ta' alterkazzjoni u, fi kwalunkwe każ, dawn it-tip ta' ġrieħi jgħaddu wara ftit tal-jiem u b'hekk huma ta' natura ħafifa. Illi fix-xhieda tiegħu, l-akkużat jgħid li qabdu jtuħ u b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, ġie suffiċjentement ippruvat li l-akkużati kkawżaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-parte ċivile.

Illi l-akkużat, fix-xhieda tiegħu, jgħid li waqt li kien fil-bitħa, omissis tah daqqa bil-helmet u storda għal ftit ħin. Jgħid ukoll li l-akkużati kienu qed ituh bis-sieq. Illi ċ-ċertifikat mediku ppreżentat in atti u maħruġ minn Dr. Christopher Muscat ma jsemmi xejn dwar ġrieħi f'postijiet oħra tal-ġisem jew tal-wiċċ u għalkemm jista' jagħti l-każ li l-ferita msemmija fiċ-ċertifikat mediku hija riżultat ta' daqqa ta oġġett iebes, ma tressqet ebda prova dwar it-tip ta' ferita u lanqas ma tressaq xi eżami fuq il-helmet. B'hekk, bil-provi li għandha quddiemha, il-Qorti ma tistax issib li omissis wettaq din l-allegata azzjoni. L-istess għandu jingħad dwar l-allegati daqqiet ta' sieq peress li ma tressqet ebda prova li l-parte ċivile sofra xi tbenġil jew grif f'partijiet oħra ta' ġismu u b'hekk il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq din l-allegazzjoni.

B'hekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel akkuża dedotta kontra l-akkużati iżda limitatament li kkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-parte ċivile omissis u mhux feriti ta' natura gravi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkużat miġjuba kontra l-akkużati hija marbuta mal-Artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija ferita kkaġunata waqt ġlieda aċċidentali.

Illi ġie stabbilit li f'din il-ġlieda kien hemm preżenti omissis, omissis u anke omissis. Ġie stabbilit ukoll li l-ġrieħi seħħew waqt din l-alterkazzjoni. Ma ġiex stabbilit, madanakollu, min minn dawn it-tlett akkużati kkaġuna dawn il-ġrieħi. Illi l-Artikolu 237(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola, *inter alia*, li meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa' offiż fuq il-persuna u ma jinsabx min kien l-awtur tal-offiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-offiż, jeħel, meta jinsab ħati, fil-każ ta' offiża ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

Illi fiċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew il-ġrieħi ta' natura ħafifa, il-Qorti hija sodisfatta li ladarba t-tlett akkużati kienu preżenti fil-mument li ġew ikkaġunati l-offiżi ħfief u stante li ma tressqitx prova li tindividwalizza min kien l-awtur tal-offiża, l-elementi ta' dan l-Artikolu ġew ampjament sodisfatti u b'hekk il-Qorti qed issib illi din it-tielet akkużat ġiet ampjament ipprovata.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik kontemplata fl-Artikolu 238 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija r-reat ta' tixwix ta' rewwixta jew ġlieda bi ħsieb ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna.

Illi ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Salerno et**[27] illi:

> *Illi għal dak li jirrigwarda dan l-istess reat, l-interpretazzjoni legali fir-Renju Unit ta' dan id-delitt jirrekjedi li l-kondotta ta' min jikkometti dan d-delitt ikun tali li persuna ta temperament ordinarju li tkun preżenti fil-post fejn tkun qed titqajjem din il-ġlieda jew rewwixta*

[27] **Il-Pulizija vs Carmel Salerno et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 26 ta' Novembru 2018 (Kump Nru. 38/2015)

*tibża għall-inkoluminita' tagħha. In oltre t-theddida ma tistax tkun limitata biss għal theddida bil-fomm. Di piú:*

> *the offence envisages at least three persons: (i) the person using or threatening unlawful violence; (ii) a person towards whom the violence or threat is directed; and (iii) a person of reasonable firmness who need not actually be, or be likely to be, present at the scene. So where D swiped with a knife towards a constable, J, the question was not whether a person of reasonable firmness in J's shoes would have feared for his personal safety but whether this hypothetical third person, present in the room and seeing D's conduct towards J, would have so feared'. [Davison (1992) Crim LR 31, CA – Smith and Hogan – Criminal Law - Seventh Edition (1992)]"*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-ħin tal-ġlieda kien hemm preżenti omissis li fl-ebda mument ma xehed illi kien qed jibża' għall-inkoluminità tiegħu. Anzi, hu stess ħass il-ħtieġa li jmur iferraqhom nonostante li kellu operazzjoni ftit taż-żmien qabel. Di più, meta qalilhom biex ma jweġġgħuhx, huma stess qalulu li "le le".

Illi b'hekk jirriżulta li l-ingredjenti meħtieġa għal din it-tieni akkuża ma ġewx sodisfaċentement ipprovati mill-prosekuzzjoni.

Ikkonsidra;

Illi s-seba' akkuża tirrigwardja r-reat li kkaġunaw lill-parte ċivile biża li se tintuża vjolenza kontrih ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**[28] Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Frar 2012, (Appell Krim. Nru 43/2011):

> *"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem:*
>
> *'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba* ***minn dawk l-okkażjonijiet'.*** *Jista' jkun hemm* ***<u>aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum</u>*** *u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda.*

Illi jirriżulta fl-ewwel lok illi l-akkużi huma speċifiċi ħafna għat-18 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tad-09.00 ta filgħodu. Di più għalkemm il-parte ċivile omissis fix-xhieda tiegħu qal li kien qed jibki bix-xokk li kellu u li meta omissis qallu biex joħroġ mill-garage ma riedx għax jekk joħroġ minn hemm żgur li jerġgħu isawwtuħ barra, dawn kollha seħħew <u>f'inċident wieħed</u>. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-*course of conduct* ripetut meħtieġ sabiex dan ir-reat jiġi sodisfatt. Għalkemm ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi l-okkażjonijiet differenti fejn persuna tibża' li se tintuża vjolenza kontriha jistgħu iseħħu fl-istess ġurnata, mill-provi jirriżulta li dan kien inċident wieħed u b'hekk ma jirriżultawx l-okkażjonijiet multipli meħtieġa mil-liġi.

Illi b'hekk, jirriżulta illi din is-seba' akkuża ma ġietx sodisfaċentement ipprovata.

Ikkonsidrat;

Illi r-raba' akkużat hija waħda ta' natura kontravenzjonali, kif misjuba fl-Artikoli 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

---

[28] **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Frar 2012, (Appell Krim. Nru 43/2011).

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Pace**,[29] sabiex dan ir-reat jissussisti, m'hemmx il-ħtieġa li jkun hemm kemm storbju kif ukoll ġlied flimkien. L-importanti hu li jkun hemm xi manifestazzjoni li twassal għad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Illi mix-xhieda tal-parte ċivile jirriżulta li waqt li hu kien fil-garage, omissis u omissis bdew jgħajjtulu b'ton ta' herra biex imur ħdejhom. Dan ġie kkoroborat ukoll minn omissis fejn qal li bħal sajjetta beda jisma' l-għajjat u daħlu jgħajjtu.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-provi prodotti in sostenn ta' din l-akkużat huma biss fir-rigward ta' omissis u ta' omissis u dan għaliex ma tressqet ebda prova sodisfaċenti li omissis kiser il-buon-ordni b'għajjat u storbju.

Illi b'hekk, il-Qorti qed issib illi fir-rigward tar-raba' akkuża, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan ir-reat biss fir-rigward ta' omissis u omissis u mhux fir-rigward ta' omissis.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ħames u s-sitt akkużi, ossija dawk arġinati fuq l-Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ser titratthom flimkien.

Mix-xhieda prodotta u deskritta aktar 'l fuq jirriżulta lil din il-Qorti li l-akkużati effettivament ħebbew għall-parte ċivile u anke aggredewh, tant li ġie pprovat li sofra grif fuq wiċċu u fuq għonqu. Di più, jirriżulta wkoll li waqt li kienu qed jgħajjtulu b'ton agressiv, omissis u omissis bdew jigdmu idejhom, ġest li juri ċerta rabja u aggressività minn-naħa ta' min jagħmlu. Il-parte ċivile xehed li waqt li kienu fil-garage, huma bdew jgħajjruħ u jimbuttawh.

[29] **Il-Pulizija vs Paul Pace**, Qorti tal-Appell Kriminali, 3 ta' April 2003,

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ akkużi ġew ampjament ipprovati mill-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward ta' omissis biss, il-prosekuzzjoni akkużatu li kkaġuna ħsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'rabta mal-għafsa fuq il-bonnet tal-vettura tal-parte ċivile. Il-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile hi li omissis qabeż bilqiegħda fuq il-vettura tal-parte ċivile. Filfatt, il-parte ċivile ppreżenta żewġ ritratti meħudin minnu li kjarament juru l-marki tal-warrani ta' persuna.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lis-surveyor omissis fejn ikkonferma r-rapport minnu redatt[30] minn fejn jirriżulta illi l-ħsarat kienu fuq il-bonnett, fuq in-naħa tax-xellug fejn kien hemm għafsa. Hu qal illi l-ħsarat jammontaw għal €447 inkluż replacement tal-karozza sakemm tkun qed tinħadem il-ħsara. Di più, jirriżulta mill-irċevuta fiskali illi l-parte ċivile ħallas is-somma ta' €118 sabiex jottjeni s-servizz tas-surveyor.

Illi mix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile jirriżulta illi l-akkużat omissis qabeż bilqiegħda fuq il-bonnett tal-vettura tiegħu. Illi r-ritratti eżebiti kif ukoll ir-rapport tas-surveyor jikkorraboraw din il-verżjoni mogħtija. Di più, ma tressqet ebda prova jew sottomissjoni li tikkontradiċi din il-verżjoni tal-parte ċivile.

B'hekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din it-tmien akkuża kif ukoll id-danni subiti mill-parte ċivile omissis li komplessivament jammontaw għas-somma ta' €565.

Ikkonsidrat;

[30] Ara Dok AD5 a fol. 72 tal-Atti Proċesswali.

Illi finalment, omissis ġie mogħti wkoll l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-prosekuzzjoni preżentat vera kopja tas-sentenza preċedenti mogħtija fil-konfront tal-akkużat.

Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi dan l-addebitu fil-konfront tal-akkużat omissis ġie sodisfaċentement ippruvat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-akkużi miġjuba kontra omissis**,** omissis **u** omissis u wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha, u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1)(3)(4), 237(d), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil omissis**,** omissis **u** omissis flimkien:

1. **Ħatja** tal-ewwel akkuża b'dan illi l-ġrieħi kkaġunati qegħdin jiġu ridotti għal ġrieħi ta' natura ħafifa ai termini tal-Artikoli 214, 215, u 221(1)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. **Ħatja** tat-tielet akkuża, b'dan illi l-offiża kkaġunata waqt il-ġlieda aċċidentiali qed tiġi ridotta għal offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-Artikoli 214, 215, u 221(1)(3)(4) u 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. **Ħatja** tal-ħames u tas-sitt akkużi u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. **mhux ħatja** tat-tieni u tas-seba' akkużi u tilliberhom minnhom;

Qed issib lil omissis **u** omissis waħedhom **ħatja** tar-raba' akkuża u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Qed issib lil omissis waħdu ħati tat-tmien u d-disa' akkużi, ċioe' tar-reat ta' ħsara volontarja kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U tikkundannhom għas-segwenti pieni:

a. Lil omissis, wara li rat l-Artikoli 17, 31 49, 50, ,214, 215, 221(1)(3)(4), 237(d), 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess omissis taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn siegħa (200) f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet mogħti kontestwalment.

   Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil Omissis iħallas is-somma komplessiva ta' €565 lill-parte ċivile omissis rappreżentati d-danni minnu kkaġunati fuq il-vettura tiegħu.

b. Lil omissis, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1)(3)(4), 237(d), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal ammenda komplessiva ta' mitejn u wieħed u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€291.15);

c. Lil omissis wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1)(3)(4), 237(d), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal ammenda komplessiva ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€232.92);

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużati a favur ta' omissis għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Il-Qorti tordna illi ai termini tal-Artikoli 382A(2) u 412Ċ(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza kif ukoll tal-Ordni ta' Trażżin jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil omissis**,** omissis **u** omissis, *in solidum*, jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' sitt mija u tlieta u erbgħin Ewro u sitta u tmentin ċenteżmu (€643.86) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Illi a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati omissis bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur